# Il-Parlamentari Mostin fl-Inkurunazzjoni

***kitba ta' MANWEL D SCHEMBRI***
*Edukatur, Kittieb, Xandar u Poeta*



Kien Frans Deguara, l-Editur ta' dan il-Ktejjeb tal-Festa, li fl-entużjażmu tiegħu webbilni biex nitkellem mal-Parlamentari Mostin dwar is-sehem tagħhom fil-festi li saru meta l-Kwadru titolari tal-Knisja tagħna ġie nkurunat sollennement fl-10 t'Awwissu ta' l-1975, eżattament 25 sena ilu.

L-Arċipriet ta' l-Inkurunazzjoni, kif żgur ser jibqa' mfakkar Mons. Bartilmew Bezzina, Arċipriet tant maħbub, u li tant ħabb lill-Mosta u lill-Mostin, ħaseb biex ix-xhieda tal-Kuntratt li kellu jsir bejnu u bejn il-Mostin kollha, rappreżentati fil-persuna tas-Sur Ġużeppi Grech, benefattur kbir tal-Mostin, ikunu is-Sur Freddie Micallef - Ministru tal-Gvern f'dak iż-żmien, u l-Perit Lawrence Gatt - Membru tal-Parlament fl-Oppożizzjoni.

Verament li ma tantx kien żmien feliċi għall-Knisja u l-Gvern dik il-ħabta. Kienet sħuna sewwa l-kontroversja bejniethom dwar iż-żwieġ. Il-Gvern kien qed iħejji biex idaħħal iż-żwieġ ċivili f'Malta, imma wkoll biex ineħħi kull effett taż-Żwieġ Kanoniku fil-Liġi Maltija. B'danakollu, f'isem il-prudenza u r-rispett, kif ukoll b'għaqal kbir, l-Arċipriet xorta waħda wassal l-istedina lil Membri Parlamentari Mostin fuq iż-żewġ naħat tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

Kellimt lis-Sur Micallef permezz tat-telefon ftit tal-jiem ilu, u bil-ġentilezza karatteristika tiegħu qalli li huwa u l-Perit Gatt, illum it-tnejn irtirati mill-politika, kienu ħejjew kitba komuni bejniethom biex jispjegaw x'għaddew minnu f'dak iż-żmien. Qalli biex nirreferi għas-sur Gatt, u jekk ikolli xi diffikultà nerġa' nkellmu. Meta kellimt lis-sur Gatt, dan ukoll laqagħni b'idejh miftuħa.

Mill-ewwel intbaħt kemm dawn iż-żewġ rappreżentanti fl-Ogħla Istituzzjoni Maltija kellhom għal qalbhom dak kollu li hu Mosti. Kien jidher ċar minn kitbiethom li għalkemm kienu jħaddnu politika differenti, it-tnejn kellhom għan wieħed: l-għaqda SĦIĦA bejn il-Mostin. Stedina bħal din ma stennewhiex. It-tnejn ħassewhom onorati bil-kbir bl-istedina ta' l-Arċipriet f'isem il-Komunità Nisranija Mostija, u t-tnejn aċċettaw bil-ferħ. Riedu jkunu xhieda f'kuntratt fejn il-Mostin kollha intrabtu li jħarsu u jgħożżu l-Kuruna li kellha titqiegħed fuq ras l-Assunta b'rahan ta' mħabba ta' wlied lejn Ommhom tas-Smewwiet. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Parlamentari Mostin warrbu d-differenzi ideoloġiċi ta' bejniethom, u tawna eżempju kbir ta' għaqda.



*In-Nutar Dr. Francis Micallef jaqra l-Kuntratt wara li ġie ffirmat quddiem il-Prim Imħallef, Prof. J.J. Cremona, li jidher fuq ix-xellug. Jidhru wkoll: is-Sur Ġużeppi Grech, rappreżentant tal-poplu Mosti, u x-xhieda l-Onor. Ministru Freddie Micallef u l-Onor. Perit Lawrence Gatt. Iż-żewġ xhieda, flimkien man-Nutar, għoġobhom jirregalaw lill-Knisja, frame tal-fidda.*
(ritratt: Jos. A. Vella F.R.PS., E. FIAP., E.S. FIAP.)

Ta' min ngħidilkom hawn, li sirt naf li anke fil-Parlament stess kien hemm min jikkummenta, forsi kultant ukoll b'sarkażmu żejjed, li "dawn il-Mostin dejjem ras imb'ras!" Xi ħadd, li nippreferi ma nsemmihx, kien jgħaddi dan il-kumment kostantement. Kienu jarawhom jitkellmu u jirraġunaw bejniethom. Donnu li l-anqas fil-Parlament ma kienet tiftiehem dejjem kif dawn iż-żewġ Parlamentari f'kampijiet Politiċi diversi setgħu jkunu daqshekk ħbieb, u jimpurtahom daqshekk mill-Mostin kollha, huma min huma, u minn xulxin! Nittamaw li l-eżempju ta' dawn it-tnejn ikun segwit mill-Parlamentari Mostin ta' llum b'risq l-għaqda fost in-nies tagħna tal-Mosta!

Dak in-nhar ta' l-Inkurunazzjoni, jiena flimkien mal-membri l-oħra tal-Kor Santa Ċeċilja, li konna fuq iz-zuntier f'riġlejn it-tribuna nkantaw il-Quddiesa Sollenni, għadni niftakar lis-sur Micallef u lill-Perit Gatt bħalna fuq iz-zuntier isegwu u jipparteċipaw b'entużjażmu f'kulma kien qed isir. U għadni niftakar is-serjetà u, jkolli nghid, l-emozzjoni sinċiera, li dehret fuq wiċċhom it-tnejn meta resqu biex bil-firma tagħhom ikunu xhieda tal-kuntratt importanti li kien qed isir dak il-ħin.



L-Onor. Ministru Freddie Micallef qed jiffirma l-Kuntratt. (ritratt: Jos. A. Vella F.R.PS., E. FIAP., E.S. FIAP.)



L-Onor. Perit Lawrence Gatt qed jiffirma l-Kuntratt. (ritratt: Jos. A. Vella F.R.PS., E. FIAP., E.S. FIAP.)

Il-firma tas-Sur Freddie Micallef u tal-Perit Lawrence Gatt tagħmlilhom ġieħ kbir. Mhux biss minħabba l-valur intrinsiku tal-Kuntratt fih innifsu, imma wkoll il-għaliex f'dak iż-żmien ta' tqanqil politiku, dawn iż-żewġ politiċi Mostin urew fil-beraħ u bla biża' ta' xejn li t-tnejn kellhom fidi sħiħa f'Alla u f'Ommu Marija, fidi sħiħa fil-Knisja Kattolika li permezz tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII, 25 sena qabel, kien iddikjara b'mod infallibbli, li t-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Verġni bir-Ruħ u bil-Ġisem kien Domma tal-Fidi. Il-Parlamentari Mostin dakinhar urew fid-deher rabta mhux biss mal-poplu tagħna, imma wkoll rabta ma' twemminna, rabta mat-tradizzjoni reliġjuża tagħna li teħodna permezz ta' San Pawl, saż-żminijiet Bibbliċi, rabta mal-Knisja Maltija rrappreżentata fil-Persuni tat-Tliet Isqfijiet Maltin, imdawwrin b'il fuq minn mitt saċerdot, rabta ma' l-għaqda tagħna ma' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema li dejjem semgħet talbna meta b'ħerqa, b'għożża u b'fidi, ersaqna lejHa.

*© manwel d. schembri lulju 2000*


# A free mind with no insurance worries

At Elmo Insurance we offer our clients the most suitable and secure insurance protection plans at the best possible terms and conditions available on the market.

Through our alliance with one of the world's leading insurance and investment groups - Royal & Sun Alliance, we give all our customers a professional and personalised service on all classes of insurance both in commercial and personal lines.

Call us for a quotation or for some advice on 345020 and find out how easy it is to get a better deal at Elmo Insurance.

Elmo
INSURANCE AGENCY

**Elmo Insurance Agency Ltd.**
Abate Rigord Street,
Ta' Xbiex - MSD 11.
Tel: 345020 Fax: 345037
e-mail: elmo@elmogroup.com

REPRESENTING
ROYAL & SUNALLIANCE